# Ex-Voto Sett Marittimu












Din is-sena l-Parroċċa tal-Mellieħa ħarġet l-ewwel sett ta' riproduzzjonijiet ta' Ex-Voto li jinsabu fis-Santwarju tal-Madonna.

Kif jidher hawn fuq, dan is-sett għandu konnessjoni mal-baħar u għaldaqstant ġie msejjaħ "Maritime Set 1" u jinkludi erba' kwadri li juru ħelsien minn periklu fuq il-baħar.

B'kollox saru 100 sett biss u dawn qed jinbiegħu jew l-erbgħa f'daqqa bħala sett jew individwalment. Ma' kull riproduzzjoni jingħata l-folder li jidher hawn li jinkludi wkoll deskrizzjoni qasira fuq l-Ex-Voto in ġenerali u oħra fuq ir-riproduzzjoni rispettiva, kollox miġbur ġo envelope.

Hemm il-ħsieb li fil-futur isiru iktar settijiet li jitrattaw suġġetti oħra bħal mard u diżgrazzji.

Qed isir wkoll sett kartolini li juru diversi aspetti tas-Santwarju.

Nirringrazzjaw lill-W.R. Kappillan Dun Karm Tanti, Dun Mosè Debono u lis-Sinjuri Jimmy Muscat, Michael Cauchi, Emanuel Cini, Rose Bartolo, Maria Bartolo u Doris Mifsud ta' dan ix-xogħol sabiħ.